MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2005

Rikors Numru. 498/2005

**Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju numru 830/05 maħruġ fit-13 ta' Mejju, 2005, fl-ismijiet:**

**George PORTELLI u Anthony Vassallo**

**vs**

**Anna PSAILA, Paul Abela, Luisa Abela u Kristina Abela**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrenti Psaila u Abela fl-24 ta' Mejju, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbu li din il-Qorti tħassar għal kollox il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi maħruġ kontra tagħhom mill-intimati eżekutanti Portelli u Vassallo; li l-istess intimati jiġu kundannati jħallsu penali; u li, fin-

nuqqas, tordna lill-imsemmija intimati eżekutanti jġibu garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u tad-danni, u, fin-nuqqas li jagħmlu dan, li l-Qorti tordna t-tħassir tal-istess Mandat;

Rat id-Degriet tagħha tal-31 ta' Mejju, 2005, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2005;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-istess intimati eżekutanti waqt is-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2005, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija seħqu li t-talbiet tar-rikorrent eżekutati għandhom jiġu miċħuda;

Semgħet ix-xhud imressaq mir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u d-dokumenti mressqa fl-atti tal-kawża 458/05JRM;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti qegħdin jipprovaw ineħħu minn fuqhom għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-intimati ħarġu kontrihom fit-13 ta' Mejju, 2005. Il-Mandat inħareġ kontra r-rikorrenti dak inhar li l-intimati ressqu Att taċ-Ċitazzjoni[1] mibdija kontra l-istess rikorrenti. Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' ħamsa u ħamsin elf lira Maltija (Lm 55,000) u mhux għal ħamsin elf lira, kif isemmu r-rikorrenti fir-Rikors tagħhom. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'Degriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 2005;

Illi r-rikorrenti eżekutati jqisu li l-imsemmi Mandat għandu jitwaqqa' għaliex jgħidu li d-danni li l-intimati jgħidu li

[1] Ċitazz. Nru. 458/05JRM

jistħoqqilhom jitħallsu mingħandhom jinbnew fuq att ta' konvenju li waqa' u skada;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti bħala dawk li għalihom hija qegħdin jitolbu r-rimedji msemmijin fir-rikors tagħhom huma: (a) li l-ammont imsemmi bħala kreditu fil-Mandat m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv[2]; u (b) minħabba li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[3];

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jħallsu penali[4] u li jagħtu garanzija xierqa[5], fiż-żmien li l-Qorti tagħtihom, biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huma jistgħu jiġu kundannati jħallsu lir-rikorrenti eżekutati. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba, għaliex huwa ovvju li jekk kemm-il darba tintlaqa' l-ewwel talba, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jressqu l-garanzija;

Illi, għat-talbiet tar-rikorrenti, l-intimati eżekutanti jilqgħu billi jgħidu li l-Mandat inħareġ sewwa u li ż-żewġ raġunijiet li fuqhom jistrieħu r-rikorrenti – jiġifieri li l-konvenju kien waqa' u li huma għamlu minn kollox biex il-bejgħ lill-istess intimati jseħħ – kienu kontradetti mill-fatti;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[6]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'għandhiex tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq tagħha;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li fl-24 ta'

---

[2] Art 836(1)(d) tal-Kap 12
[3] Art 836(1)(f) tal-Kap 12
[4] Art 836(8) tal-Kap 12
[5] Art 838A tal-Kap 12
[6] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

Ġunju tal-2003, il-kumpannija L.J. Sullivan Holdings Limited kienet resqet fuq ftehim ta' xiri u bejgħ mal-intimati Portelli u Vassallo, dwar fond bin-numri 358/9, Triq Manwel Dimech, Sliema, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma. Dak inhar, il-prezz miftiehem kien ta' Lm 95,000, li Lm 9,500 minnhom kienu tħallsu akkont tal-prezz mill-istess intimati xerrejja. Il-konvenju kellu jibqa' fis-seħħ għal sena. Fit-22 ta' Ġunju, 2004, il-partijiet qablu li "jimmodifikaw" l-imsemmi konvenju billi l-kumpannija li wegħdet li tbigħ kienet, sa dak iż-żmien, fi proċedura ta' likwidazzjoni. Għalhekk, ir-rikorrenti Anna Psaila u Paul Abela *nomine* daħlu fl-obbligi tal-imsemmija kumpannija dwar l-istess fond, imma l-prezz tnaqqas għal Lm 90,000, mill-bqija bl-istess kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju li kien sar is-sena ta' qabel. Il-konvenju baqa' jiġġedded sa Frar tal-2005, b'effett sat-30 ta' Marzu, 2005. Sadattant, ir-rikorrenti kienu kisbu mingħand l-imsemmija kumpannija L. J. Sullivan Holdings Limited l-utli dominju tal-imsemmi fond. Fit-23 ta' Marzu, 2005, l-intimati Portelli u Vassallo daħlu f'wegħda ta' bejgħ u xiri tal-imsemmi fond mal-kumpannija G.R. Developers Limited, u dan bl-istess kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju tal-24 ta' Ġunju, 2003, u bil-prezz ta' Lm 145,000;

Illi issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qegħdin jibnuhom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[7];

Illi r-rikorrenti jsemmu żewġ kawżali li dwarhom jistennew li t-talbiet tagħhom jiġu meqjusa:

A) <u>Li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> ġArt. 836(1)(d)ħ. Ir-rikorrenti jibnu l-

[7] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

ilment tagħhom kontra l-intimati f'dan ir-rigward billi jgħidu li l-konvenju li kien hemm bejniethom kien waqa' u li meta l-intimati kienu daħlu f'konvenju ma' terzi biex ibiegħu il-post li huma kienu għadhom lanqas biss xtraw mingħand ir-rikorrenti, kienu jafu li r-rabta mar-rikorrenti kienet intemmet. Għalhekk, ir-rikorrenti jgħidu li l-intimati ma jistgħu jirreklamaw l-ebda danni u għalhekk l-ammont imsemmi fil-mandat huwa minnu nnifsu wieħed eċċessiv u lanqas biss ġustifikabbli mad-daqqa t'għajn;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[8];

Illi minn eżami tar-raġunijiet miġjuba mir-rikorrenti fir-Rikors tagħhom u minn dak li ngħad waqt it-trattazzjoni tal-għaref difensur tagħhom, jidher li ż-żewġ raġunijiet huma ċirkostanzi li jolqtu l-mertu tal-kawża li għadha qegħda tinstama' quddiem din il-Qorti, u li bħalissa tinsab fl-istadju ta' qabel is-seduta (*pretrial*). Il-Qorti tagħmilha ċara li bl-ebda mod ma trid tippronunzja ruħha dwar jekk il-konvenju kienx l-istess wieħed jew kienx ġie sostitwit, jew jekk il-konvenju kienx jiswa fil-jum li l-intimati daħlu fil-ftehim mat-terzi. Dan sejra tagħmlu biss meta tqis il-fatti u l-provi fil-kawża. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, madankollu, l-Qorti tirrileva li ma ngħatat l-ebda tifsira għaliex ir-rikorrenti jisħqu li l-konvenju kien skada

---

[8] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

f'Settembru tal-2004, meta fi Frar tal-2005 reġgħu iffirmaw proroga tiegħu mal-istess intimati;

Illi b'żieda ma' dan jingħad li talba għal tħassir ta' Mandat kawtelatorju ibbażata fuq in-nullita' jew fuq is-siwi ta' kitba privata tqieset li ma hijiex raġuni tajba li tista' titqiegħed taħt xi waħda mis-sitt kontinġenzi maħsubin fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12[9];

Illi, min-naħa l-oħra, minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimati eżekutanti għandhom, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' danni, u din tkkorrispondi mal-qligħ li huma kienu sejrin jagħmlu kieku seħħilhom ibiegħu l-fond lill-imsemmija kumpannija;

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[10] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> ġArt. 836(1)(f)ħ. Dwar din il-kawżali, ir-rikorrenti jtennu l-istess argument li ntuża għall-kawżali ta' qabilha. Jidher li, għal darb'oħra, ir-rikorrent m'humiex juru li qegħdin jifhmu x'għandu jirriżulta taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi biex il-Qorti twaqqa' l-Mandat maħruġ kontihom. Din il-Qorti diġa' stqarret li dan (jiġifieri, l-istħarriġ fil-mertu) ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;

---

[9] Ara, per eżempju, P.A. GC **13.10.2000** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Charles Aġius et vs Annunziato Calleja et noe et***

[10] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Illi biżżejjed jingħad li jekk, ‘il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimata eżekutanti m’għandha titħallas xejn, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta’ kwestjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b’mod vessatorju jew fieragħ[11]. Allura, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kwestjoni ta’ jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

Illi fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkostanzi, ma jidhirx li jista’ jingħad li m’huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-seħħ;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti ma tawhiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, naturalment, il-Mandat ta’ Sekwestru taħt eżami weġġa’ lir-rikorrenti. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m’huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li “jiffriża” l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu. Wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mir-rikorrenti għat-tneħħija ta’ Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-

[11] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri***

rikorrenti jista' jkun li qegħdin iġarrbu ħsara bil-Mandat fis-seħħ ma' kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[12]. Kemm hu hekk, ir-rikorrenti għamlu riżerva ta' azzjoni bħal din fl-istess rikors promotur tagħhom;

Illi r-rikorrenti talbu wkoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbu l-ewwelnett il-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas ta' penali; u talbu wkoll it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jistgħu juru li ġarrbu minħabba l-Mandat. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[13], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Għalkemm il-liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponix penali, il-liġi trid li l-penali tkun inflitta jekk jirriżultaw l-estremi maħsuba mil-liġi u tista' tagħżel biss li ma timponix tali penalita' f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk jimponi[14], u dan għaliex penali bħal dik hija meqjusa bħala miżura ta' ordni pubbliku maħsuba li tara li tinżamm is-serjeta' tal-

[12] Art. 836(9) tal-Kap 12
[13] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Ind. Ltd. vs Calleja Cremona***
[14] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

proċediment ġudizzjarju u teħles mill-abbuż li jista' jsir bl-atti kawtelatorji;

Illi l-liġi ssemmi erbgħa (4) ċirkostanzi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[15]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħdin isejsu l-pretensjoni tagħhom fuq waħda minnhom, sewwasew dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12, li jitkellem dwar nuqqas ta' ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-att (jiġifieri, f'dan il-każ, tal-Mandat) jew nuqqas ta' talba qabel il-ħruġ tiegħu;

Illi dwar dan, ir-rikorrenti jissottomettu li l-intimati Portelli u Vassallo ma kienu talbuhom bl-ebda mod jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni qabel ma ħarġu l-Mandat mertu ta' din il-proċedura. Il-liġi ssemmi talba magħmula fi żmien ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-Mandat. Ingħad li l-interpellazzjoni li għaliha tirreferi l-liġi ma hijiex biss dik ġudizzjarja, imma li tista' tkun b'kull mod[16]. Hawnhekk irid jingħad li jekk huma r-rikorrenti li qegħdin jgħidu li l-intimati ma talbux li jsir il-ħlas, kien jaqa' fuqhom il-piż li jġibu provi biżżejjed biex dan jiġi emmnut. Il-Qorti tifhem li n-nuqqas ta' interpellazzjoni għandha minn prova negattiva, u allura ħaġa iebsa biex tipprova, iżda, min-naħa l-oħra, ma ngħad imkien fix-xhieda li l-intimati ma ressaqx talba għal-likwidazzjoni tad-danni jew għall-ħlas fiż-żmien qabel ma nfetħet il-kawża jew qabel ma ntalab il-ħruġ tal-Mandat kontestwalment. Min-naħa l-oħra, l-intimati jgħidu li dawk il-proċeduri kellhom jeħduhom b'urġenza, wara li ntebhu li r-rikorrenti kienu qegħdin jippruvaw jiftehmu ma' ħaddieħor dwar il-bejgħ tal-istess fond;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq dwar il-fondatezza tar-raġonevolezza tal-Mandat, ikollha tqis li meta l-intimati Portelli u Vassallo talbu l-ħruġ tal-Mandat, riedu jħarsu l-pretensjonijiet tagħhom, l-aktar minħabba l-wegħda li huma kienu għamlu ma' terzi u l-effetti li dik il-wegħda

[15] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[16] Ara, per eżempju, P.A. TM **18.9.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***

tista' ġġibilhom jekk ma tinżammx. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[17];

Illi ladarba l-Mandat mertu ta' din il-proċedura ma jirriżultax li nħareġ b'ħażen, jew li kien fieragħ u vessatorju, ma jistax jingħad li l-intimati eżekutanti jistgħu sa dan l-istadju jitqiesu passibbli għad-danni jew għall-penali[18];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimati eżekutanti għandhom jiġu kundannati jħallsu penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lir-rikorrenti li 'l quddiem u fis-sedi opportuna iressqu pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom hija tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward iżjed 'il quddiem;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma immotivawx it-talba għall-garanzija fir-rikors promotur. Ftit li xejn ingħad dwarha wkoll waqt it-trattazzjoni, ħlief fir-rabta li saret bejn it-talba u r-raġuni għat-tħassir tal-mandat;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-

[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[18] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

seħħ[19]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[20]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[21];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[22], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex iħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi l-Qorti ssib li f'dan il-każ ukoll ir-rikorrenti naqsu juru tajjeb li kien hemm kawża ġusta jew raġuni tajba biex iwassluha tordna lill-intimati jressqu garanzija tajba biex il-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

---

[19] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

[20] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

[21] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

[22] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż.

Mogħti kameralment illum, il-5 ta' Awissu, 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------